MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2006

Numru 1142/2005

**Il-Pulizija**
**(Sp. Mario Bonello)**

**v**

**Shawn Curmi ta' 27 sena bin Lawrence u Carmen nee Mallia imwieled Attard fit-28/11/78, u joqghod 16, Triq San Porphilio, Zejtun li ghandu karta tal-identita' bin-numru 567478 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Shawn Curmi li gie akkuzat talli fit-23 ta' Settembru, 2005 u matul dan ix-xahar gewwa l-Isptar San Luqa, Pieta' b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda.

Fit-23 ta' Settembru, 2005 ghall-habta tad-9.15 a.m. minn gewwa l-isptar San Luqa, Pieta' kkommetta serq ta' zewg liri Maltin (Lm 2) ghad-detriment ta' Dr Elaine Cachia M. D. liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna;

Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkommetta serq ta' hames liri Maltin (Lm 5) ghad-detriment ta' Dr Pharrah Debono MD liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna;

Fid-19 ta' Settembru, 2005 ghall-habta tal-10.00 a.m. minn gewwa l-Isptar San Luqa, Pieta' kkommettew serq ta' hames liri Maltin (Lm 5) ghad-detriment ta' Dr Lorraine Tabone MD liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna;

Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkommetta serq' ta' ghaxar liri Maltin (Lm 10) ghad-detriment ta' Dr Alexia Abela M.D. liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna;

Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkommetta serq ta' hamsin lira Maltija (Lm 50) ghad-detriment ta' Dr Rachel Cassar Aakeroy M. D. liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna.

U aktar talli huwa kiser il-provediment tal-artikolu 22 tal-Kapitlu 442 li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta' tliet snin mis-26/02/2004.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Ikkonsidrat

Illi stante l-ammissjoni qed issibu hati u dan wara li rat l-artikoli 18, 261, 268, 281, 282 tal-Kapitlu 9.

Ikkonsidrat illi l-ahhar akkuza dedotta hija dik ta' ksur tal-Kapitlu 442 artikolu 22 ta' l-istess. Issa in vista tal-fatt li

ma giet esebita ebda sentenza f'dan ir-rigward u di piu' lanqas ma ntalbet korrezzjoni (ghax certament hawn si tratta ta' zball) tenut kont ukoll tal-fatt illi l-Kapitlu 442 si tratta dwar l-Att dwar is-Socjetajiet Koperattivi u certament anke jekk ammesa hawn non si tratt ta' reita' f'dan ir-rigward, il-Qorti qed tilliberah minn din l-akkuza.

Semghet li hu kkopera sew ma' l-Ufficjali tal-Pulizija kif ukoll i gew rizarciti s-somom dedotti fl-akkuzi.

Qieset, wara li semghet lir-Rapprezentant tal-Caritas, li hu beda programm minn jeddu fi hdan l-istess agenzija.

Ghaldaqstant tqis li hu ghandu, biex ikompli jircevi aktar ghajnuna, jitqieghed taht ordni ta' probation u dana wara li rat l-artikoli 7 tal-kapitlu 446 u dan ghal zmien ta' sena mil-llum u qeghda tahtar ghal dan l-iskop lil John Testa bhala Probation Officer biex isegwi l-progress tieghu u jirraporta lill-Qorti kull xahrejn dwar l-istess.

B'dan illi Shawn Curmi ghandu jobdi kull direttiva lilu moghtija kemm mill-istess Agenzija kif ukoll mill-Ufficjal tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------